QALA

Ref Nru: 22

Il-minuti tat-tnejn u ghoxrin laqgha tas-sitt leglislatura tal-Kunsill Lokali Qala, li nzammet nhar it-Tlieta 21 ta' Jannar 2014, fis-7:30 ta' fil-ghaxija, fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill.

Prezenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Clint Camilleri |
| Vici Sindku: | Paul Buttigieg |
| Kunsillieri: | Paul Buttigieg<br>Jesmond Borg<br>Victor Grech |
| Segretarja Ezekuttiva: | Marcia Borg |

Skuzat:

| | |
|---|---|
| Ambaxxatur: | Christoph Caruana |

**1 Talba**

1.1 Il-laqgha nbdiet permezz ta' talba u giet preseduta mis-Sindku.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-ghoxrin u l-wiehed u ghoxrin laqgha.**

2.1 Peress li l-minuti tal-ghoxrin u l-wiehed u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija u gew approvati unanimament.

**3 Ghazla tal-offerti ghal servizz tal-*open skips* u ghal gbir tal-iskart domestiku imhallat.**

**3.1 Ghazla tal-offerta ghal servizz tal-*open skips*.**

3.2 Ghall-offerta ghal servizz tal-*open skips* li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi erba` offerti; minghand Sharlon Mercieca ta' 'Santa Martha', Triq Arcisqof P. Pace, Rabat Ghawdex, Noel Sultana f'isem Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd, Joseph Mercieca ta' '*Harmony*', Frangisk Camilleri Street, Xaghra, u Victor Hili f'isem Road Construction Co. Ltd. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2013

f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, l-offerent Sharlon Mercieca u Laurie Zammit ghall-offerent Noel Sultana f'isem Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Is-Sindku semma li gie ppreparat rapport minn Godwin Aguis & Associates sabiex jistudjaw fir-reqqa dawn l-offerti. Il-Kunsill studja dan ir-rapport u wara dan il-Kunsill unanimament iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Noel Sultana f'isem Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd. Il-Kunsill iddiskuta li issa peress li l-prezz ta' kull *open skip* ghola firm, ghandu jkun hemm limitu ta' kemm ghandhom jingabu *open skips.* Ghalhekk gie deciz li ghandhom jingabu tlett *open skips* nhar ta' Sibt u zewg *open skips* nhar tat-Tlieta. Gie diskuss li qed jimtlew hafna *open skips* peress li l-hwienet tal-merca qed jarmu l-kaxxex vojta fihom. Gie deciz li ghandhom jigu kkuntatjati tal-Green MT sabiex jibda jigbor il-kaxxex l-vojta minghand dawn il-hwienet. Il-Kunsill iddiskuta wkoll li ghandha jsir is-sorveljanza mal-*open skips* u jsir l-ippakkjar sewwa u ghalhekk ghandu jigi mqabbad Emanuel Bartolo li huwa haddiem assenjat mal-Kunsill sabiex jiehu hsieb dan. Gie diskuss ukoll li dan is-servizz huwa ghar-residenti tal-lokalita` u ghalhekk kull min ser juza dan is-servizz ghandu juri l-karta tal-identita`.

**3.3 Ghazla tal-offerta ghal gbir tal-iskart domestiku imhallat**

3.4 Ghall-offerta ghal gbir tal-iskart domestiku imhallat li nharget ghal pubbliku, gew sottomessi tlett offerti minghand Sharlon Mercieca ta' 'Santa Martha', Triq Arcisqof P. Pace, Rabat Ghawdex, Noel Sultana f'isem Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd. u Reggie Pace. Dawn l-offerti nfethu fil-pubbliku nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2013 f'nofsinhar fil-prezensa tas-Sindku Clint Camilleri, l-Vici Sindku Paul Buttigieg, il-Kunsillier Jesmond Borg, s-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, l-offerent Sharlon Mercieca, Laurie Zammit ghall-offerent Noel Sultana f'isem Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd. u Coronato Pace ghall-offerent Reggie Pace. Il-prezzijiet li gew sottomessi gew mnizzlin f'skeda ta' l-offerti li kopja taghha giet annessa ma dawn il-minuti. Is-Sindku semma li gie ppreparat rapport mill-Inginier Francarl Galea sabiex jistudja fir-reqqa dawn l-offerti. Il-Kunsill studja dan ir-rapport u wara dan il-Kunsill unanimament iddecida li ghandha tigi maghzula l-offerta ta' Noel Sultana f'isem Koperattiva Ghawdxija tal-Indafa Pubblika Ltd.

## 4 Il-progett ta' *embellishment* ta' Pjazza San Guzepp.

4.1 Is-Sindku qara l-abbozz tal-ftehim li ser isir bejn il-Kunsill Lokali Qala, l-Kurja, l-Parrocca tal-Qala u l-Ministeru ghal Ghawdex dwar il-progett tal-*embellishment* ta' Pjazza San Guzepp. Il-Kunsill qabel ma dan l-abbozz. Giet trattata korrispondenza li saret bejn il-Kunsill Lokali u l-Kurja dwar din il-materja datati 18 u 26 ta' Novembru 2013 u 2 ta' Dicembru 2013.

5 **EAFRD mizura 125.**

5.1 Is-Sindku semma li l-applikazzjoni li giet sottomessa mill-Kunsill sabiex jinghata fondi mill-EAFRD mizura 125 giet maghzula u ghalhekk b'dawn il-fondi ser tkun tista` jsir parti minn Triq Wied Simar. Gew trattati zewg ittri li l-Kunsill ircieva minghand il-*GAGF Manager* Katya Scicluna tal-*Gozo Action Group Foundation*, dwar din il-materja, datati 18 ta' Dicembru 13 u 7 ta' Jannar 2014.

6 **Problemi fl-*area* Ta' Muxi.**

6.1 Is-Sindku semma li ghada fit-8:00 ta' filghaxija fl-ufficini tal-Kunsill ser isir laqgha man-nies li ghandhom l-eghlieqi f'Ta Muxi dwar il-problemi li hemm f'dawn l-inhawi. Ghal din il-laqgha ser ikun hemm prezenti l-avukata tal-Kunsill Renata Formosa. Huwa semma li jekk nistghu bhala Kunsill niehdu xi tip ta' azzjoni dwar dak li qed jigri f'dawn l-inhawi, niehduh permezz tal-avukata tal-Kunsill u jekk le nghinu lil dawn in-nies permezz tal-avukata tal-Kunsill.

7 **Laqgha mal-MEPA dwar Triq Andar ix-Xaghari.**

7.1 Is-Sindku semma li nhar is-Sibt li gej, xi ufficcjali mill-MEPA ser ikunu Ghawdex u ghalhekk ser nipprovaw naghmlu laqgha maghhom sabiex Triq Andar ix-Xaghari tigi *resurfaced* bit-tarmak mis-sid tal-barriera tal-blat tal-qawwi li hawn fil-lokalita`.

8 **Karnival 2014.**

8.1 Giet diskussa l-attivita` li ssoltu jorganizza l-Kunsill fi zmien il-Karnival. Gie diskuss li din is-sena ma tistax isir is-Sibt peress li dakinhar ser jittella` spettaklu kbir tal-Karnival fir-Rabat. Il-Kunsill ghalhekk iddecida li l-Karnival fil-lokalita` tal-Qala ghandu jsir il-Gimgha. Is-Sindku semma li sa dakinhar ser ikun nghata bidu ghal-progett ta' *embellishment* tal-Pjazza u ghalhekk il-Karnival ghandu jsir jew fit-triq ta' quddiem il-kazin tal-banda jew fil-pjazzetta.

9 **Materji ohra.**

9.1 Is-Sindku semma li l-applikazzjoni li sottomessa l-Kunsill sabiex jinghata fondi taht l-EAFRD mizura 413.4 ghall-*embellishment* tal-gnien tal-Belvedere dalwaqt ser tigi approvatha.

9.2 Is-Sindku ppropona li ghandu jsir gemellagg ma xi lokalita` fl-Italja. Il-Kunsill qabel ma dan.

9.3 Is-Sindku semma li ntalbet stima mill-ELC Ltd. ghat-tindif/thawwil tar-*roundabouts/soft areas* li hawn fil-lokalita`. Il-Kunsill ircieva wkoll stima ghal provvista tax-xtieli. Il-Kunsill iddiskuta li l-gnien li hemm fejn ic-cimiterju huwa tal-knisja u ghalhekk is-Sindku semma li huwa ser jikkuntatja lill-ELC Ltd. biex minflok dan il-gnien ghandha tiddahhal dik il-parti l-imxaqilbha li hemm fi Gnien il-Familja. Gie deciz ukoll li ghandhom jiddahhlu l-gnien li fiha l-fontana quddiem il-Kunsill u c-*central strip* li hemm fi Triq il-Wardija. Il-Kunsill qabel li ghandha jsir prova ghal xi xhur basta l-ammont ghas-servizz ma jkunx iccedi l-ammont tad-*direct order*. Gie deciz li ‘l quddiem ghandha tinhareg sejha ghal kwotazzjonijiet ghal dan is-servizz.

9.4 Il-Kunsill unanimament approva li jaghti 10% *performance bonus* lis-Segretarja Ezekuttiva Marcia Borg, li jinghata fi tmiem tas-sena finanzjarja tal-Kunsill.

9.5 Il-komputer Compaq li kien nghata lill-Kunsill ghall-librerija pubblika u l-*photocopier* Sharp AR-M160, m’ghadhomx jahdmu u ghalhekk il-Kunsill iddecida li dawn ghandhom jigu *disposed*.

9.6 Gew mibghuta zewg ittri b’referenzi QLC/MEPA/4/2013 u QLC/EMD/2/2013 mill-Kunsill wahda lic-*Chairman* tal-MEPA u l-ohra lill-Kummissarju tal-Artijiet u kopja lid-Direttur Joseph Portelli tad-Dipartiment tal-Progetti u Zvilupp, lid-Direttur Kummissjoni Nazzjonali Persuni b’Disabilita` u l-Ministeru ghas-Sahha – *Health and Safety Unit,* dwar il-bankina/rampa tal-latrina l-gdida li hemm fi Triq it-28 t’April 1688 li qedha ta’ periklu. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Mark Gauci Kap Ezekuttiv tal-Awtorita` ghas-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol fejn semma li din il-materja ma taqax taht l-applikabbilta` tal-Att dwar din l-Awtorita`.

9.7 Saru zewg applikazzjonijiet ghall-bozoz godda tat-triq wahda fi Triq Wied Simar applikazzjoni numru PR49 13 u l-ohra fi Triq ta’ Gulju applikazzjoni numru PR50 13.

9.8 Is-Sindku semma li l-Kunsill ircieva avviz mill-ARMS Ltd. li ser jissospendu s-servizzi tad-dawl u tal-ilma li hemm fi Gnien il-Familja. Is-Sindku semma li huwa tkellem ma min hu mikri l-*clubhouse* Paul Michael Debattista u li dan semma li hemm xi affarijiet ohra li ma gewx inkluzi fir-rapport dwar il-konsum tad-dawl f’dan il-gnien li gie ppreparat mill-Inginier Francarl Galea, bhad-dawl tan-nixxiegha u l-ilma u d-dawl tal-latrini pubblici li hemm f’dan il-gnien. Is-Sindku semma li dawn ser jigu inkluzi fir-rapport u wara dan Paul Michael accetta li ghandu jhallas il-proporzjon tieghu.

**10 Korrispondenza.**

10.1 Giet trattata din il-korrispondenza:

10.2 Ittra mill-Arcipriet tal-Qala fejn talab ghajnuna finanzjarja ghal xi spejjez li kienet involuta l-parrocca, li saru inkonnessjoni mal-*Qala International Folk Festival 2013*.

10.3 *Memo* 25/2013 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar skema fuq inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014. Il-Kunsill issottomessa applikazzjoni ghall-*Qala International Folk Festival 2014.*

10.4 *Memo* 31/2013 mibghuta mid-Direttur Carmel Abela tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar identifikazzjoni ta' binjiet fil-lokalitajiet biex isir l-ezercizzju tat-tigdid tal-karti tal-identita`. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Ufficcju ghall-Immaniggjar tal-Identita` bhala risposta ghal dak li gie mitlub fil-*memo*.

10.5 Ittra mibghuta mill-*Assistant Director* Pio Farrugia fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar l-allokazzjoni finanzjarja 2014.

10.6 Ittra mibghuta minn Mary Muscat *Monitoring Officer* dwar kaz numru 33/14 – Estratt mill-Orizzont li jikkoncerna lill-Kunsill.

10.7 Ittra mibghuta minn Jeanne Borg ghad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar kwestjonarju dwar Servizzi Socjali. Gie mibghut il-kwestjonarju mimli mill-Kunsill lil Roger Mamo fil-Ministeru ghall-Familja u Solidarjeta` Socjali.

10.8 Ittra mibghuta mill-*GAGF Manager* Katya Scicluna mill-*Gozo Action Group Foundation* dwar l-applikazzjoni li kien issottomessa l-Kunsill sabiex jinghata fondi tal-EAFRD taht il-mizura 313 (*second call) Encouragement of Tourism Activities* fejn il-Kunsill applika ghal xi tip ta' *software* li jaghti informazzjoni fuq postijiet ta' interess fil-lokalita` fuq il-*mobile* ta' minn jitlob l-informazzjoni. Il-Kunsill gie informat li din l-applikazzjoni ma gietx maghzula. Giet trattata ittra ohra dwar din il-materja datata 20 ta' Dicembru 2013.

10.9 Ittra mibghuta minn Franco Pace *Manager Facilities Management Unit* fil-Go dwar it-tnehhija tal-*payphone* li hemm fi Triq Wied is-Simar. Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lis-Sur Pace fejn il-Kunsill informah li ma jaqbilx li din ghandha titnehha u ghandha tibqa fejn hi.

10.10 Ittra ta' ringrazzjament mibghuta mill-*Manager* Ann Camilleri tal-Inspire Ghawdex ghad-donazzjoni ta' €48 li offra l-Kunsill li u li giet migbura waqt attivita` tal-*coffee morning* li giet organizzatha mill-Kunsill.

10.11 Rapport mibghuta mill-MEPA dwar appell numru 631/11/CF dwar l-applikazzjoni PA 5829/08, Charles Camilleri kontra l-MEPA.

10.12 Notifika t'avviz mibghuta minn Joseph Bezzina *(Enforcement*) ghad-Direttur ta' l-Infurzar ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, b'referenza ECF 00156/13, fejn b'din l-istess notifika nforma lill-Kunsill li l-Awtorita` harget Avviz ta' Infurzar u kopja ta' dan qed jigi anness ghall-attenzjoni tal-Kunsill.

10.13 Giet trattata applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/03395/13 biex isir *tented structure* f'Hondoq ir-Rummien. Gie deciz li ghandhom jintalbu l-pjanti dwar dak li hemm propost li jsir.

Il-laqgha ntemmet fid-9:00 ta' filghaxija.  Laqgha ohra giet stabbilita ghal nhar it-Tnejn 3 ta' Marzu 2014.

______________________

Clint Camilleri
Sindku

______________________

Marcia Borg
Segretarja Ezekuttiva